

FTEHIM TA' COTONOU AKP-UE

**GRUPP TA' STATI AFRIKANI,
TAL-KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU**

**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

Brussell, 12 ta' Ottubru 2015

AKP/84/065/15

AKP-UE 2118/15

DEĊIŻJONI AKP-UE

Suġġett: Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-
12 ta' Ottubru 2015 li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta'
Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

DEĊIŻJONI NRU 1/2015
TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE
tat-12 ta' Novembru 2015
li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv
taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ¹, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ² u kif emendat it-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 ³, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tal-Anness III tiegħu;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 5/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) ⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tagħha;

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

² Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, paġna 27).

³ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-ftehim ta' sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁴ ĠU L 309, 19.11.2013, p. 50.

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(4) tal-Istatuti taċ-ĊTA jipprevedi li l-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) għandhom jinħatru mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kumitat għall-perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin, soġġetti għal reviżjoni ta' nofs it-term.
- (2) Skont id-Deċiżjoni Nru 4/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 li taħtar membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁵, il-mandat ta' membru tal-Bord Eżekuttiv ser jiskadi fis-6 ta' Novembru 2015,

⁵ ĠU L 309, 19.11.2013, p. 49.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-mandat tal-Professor Eric TOLLENS huwa estiż għal perijodu ta' sena, li jintemm fis-6 ta' Novembru 2016.

Il-Bord Eżekuttiv ta' ĊTA huwa għalhekk magħmul minn:

Il-Professor Eric TOLLENS,

li l-mandat tiegħu jiskadi fis-6 ta' Novembru 2016, u minn

Il-Professor Baba Y. ABUBAKAR

Il-Professor Augusto Manuel CORREIA

Is-Sinjura Helena JOHANSSON

Dr Faustin R. KAMUZORA

Il-Professor Clement K. SANKAT,

li l-mandat tagħhom jiskadi fis-6 ta' Novembru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2015

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

Christian BRAUN
